ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 14/2011**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2011**

**Ħin: Fis-2.00 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Victor Refalo**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Is-Sindku l-Kav. Carmelo Saliba kien skużat.

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 13/2011 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Viċi Chairperson għamel referenza għall-ħatra tas-Sur Victor Refalo Pġ. 2 para. 2 u talab biex jitniżżel 'partikularment Artikoli 11 u 12 fejn instab li s-Sur Refalo ma jaqa' taħt l-ebda impediment'.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

| **Applikazzjoni għal permess** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn** |
|---|---|
| Ruth Frau<br>Biex tintrama Luna Park<br>bejn il-5 u s-17 ta' Lulju 2011<br>in-naħa ta' wara tal-*car park* ta'<br>Marsalforn | Approvata. |

Il-Kumitat approva dawn ix-xogħlijiet:

- il-manutenzjoni tal-*lamp posts* fi Triq il-Port – stima tal-Inġiniera Galea Curmi €64 - €66 kull *lamp post*.
- it-twaħħil tal-passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn.
  Ma ġietx aċċettata l-istima ta' Mario Vella biex iwaħħal u jerġa' jiġbor l-injam tammonta għal €1,350.
  Iċ-Ċhairperson qalet il-ħaddiema tal-IPSL lesti jwaħħlu l-injam tal-passaġġ.
- erba' *barriers* għal Marsalforn – stima ta' Paul Caruana €528.

**MATERJAL GĦAL BANKIJIET**

Il-Kumitat għażel il-kwotazzjoni ta' Joseph Caruana & Co Ltd għal provvista ta' pajpijiet tal-i*stainless steel polished* li kienet l-irħas kwotazzjoni.

Il-Kumitat għażel il-kwotazzjoni ta' Pace & Mercieca Ltd għal provvista ta' injam iroko (taż-żewġ pulzieri) li kienet l-irħas kwotazzjoni.

Kien suġġerit li tinżamm laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu.

Il-Kumitat iddiskuta l-aġenda għal laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex.

## 5. BAJJA MARSALFORN – *CONTROLLED BEACH*

Il-Viċi Chairperson qara dokument tal-Awtorita' tat-Turiżmu dwar ir-rekwiżiti biex il-Bajja ta' Marsalforn tkun dikjarata Blue Flag Beach. Is-Sur Debono qal konxju tal-fatt li dan ir-rikonoxximent internazzjonali ma jistax ikun akkwistat din is-sena pero' qal għandna nibdew naħdmu biex għall-anqas naslu fl-2012.

Kien hemm qbil mal-proposta tas-Sur Debono.

## 6. IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU

Il-Kumitat qabel li:

(i) Triq il-Port, il-Menqa u parti minn Triq il-Wied, dik il-parti tat-triq li tgħaqqad Triq Lapsi ma' Triq il-Munġbell jingħalqu għat-traffiku mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru 2011 bejn is-7 ta' filgħaxija u nofs il-lejl.
(ii) titpoġġa tabella ta' direzzjoni li turi Rabat fl-entratura tal-*car park* ta' Marsalforn kif iddur mal-bini tal-latrina.
(iii) isiru *double yellow lines* fi Triq il-Qbajjar, mill-kantuniera ta' Triq Barda sa Triq il-Forn in-naħa tal-ispiżjerija.
(iv) isiru *double yellow lines* fi Triq il-Munġbell, minn faċċata ta' Rabat Road sal-Lantern.
(v) isiru *double yellow lines* fi Triq ir-Rabat, dik il-parti tat-triq li tiżbokka fi Triq il-Port u Triq San Ġużepp (iż-żewġ naħat tat-triq).
(vi) isiru *double yellow lines* fi Triq is-Sajjied, il-fuq mill-*bollards*.

Il-Kumitat iddeċieda li l-*hawkers* li jarmaw fi Triq il-Munġbell minflok jibdew jarmaw fil-*car park* (talba lill-Pulizija).

## 8. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat iddeċieda li jitlob lill-Perit joħroġ stima biex isiru l-bankini ta' Triq id-Duluri.

Il-Kumitat approva:

(i) *shade* għal lampa mwaħħla ma' 'Cardona Crt' fi Triq Sta Marija (ilment KAM 11/2011).
(ii) it-trasferiment tal-*lamp post* ta' faċċata Smugglers Cave Restaurant fil-Menqa.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fl-4.30 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***